# QORTI CIVILI PRIM'AWLA
# (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2019

**Numru 1**

**Rikors Numru 29/19TA**

**Alfred Degiorgio**

**vs**

**L-Avukat Generali u b'digriet tat-28 ta' Frar, 2019 il-Qorti awtorizzat lill-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia jintervjenu fil-proceduri ta' dan ir-rikors**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' Alfred Degiorgio tas-26 ta' Frar 2019 li bih ippremetta u talab is-segwenti:-

> "Illi nhar il-5 ta' Diċembru, 2017 l-esponenti, flimkien ma' ħuh George Degiorgio u ċertu Vincent Muscat, ġie imressaq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja akkużat b'diversi reati, fost liema, talli f'dawn il-Gżejjer nhar is-16 ta' Ottubru, 2017 wara nofs in-nhar u fix-xhur ta'

qabel din id-data dolożament bil-ħsieb illi joqtol lill-persuna u ċjoè lil Daphne Caruana Galizia jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt;

Illi għalhekk bħalissa hemm proċeduri ta' kumpilazzjoni għaddejjin fil-konfront ta' l-esponenti, ta' ħuh George Degiorgio u ta' l-imsemmi Vincent Muscat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja;

Illi l-esponenti ippreżenta diversi kawżi kostituzzjonali, fost liema l-kawża kostituzzjonali bin-numru: 29/2018/SM fl-ismijiet: "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Ġenerali et" illi permezz tagħha qiegħed jikkontesta bħala leżiva għad-dritt fudamentali tiegħu ta' smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta il-ħatra ta' l-Avukat Martin Bajada bħala espert tekniku fl-atti ta' l-inkjesta maġisterjali hemm imsemmija u fl-atti tal-kumpilazzjoni bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et";

Illi kontestwalment mal-preżentata tar-rikors kostituzzjonali hawn fuq imsemmi l-esponenti ippreżenta rikors għal ħruġ ta' *interim measure* bin-numru: 29/2018/1/SM fl-ismijiet: "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Ġenerali et" illi permezz tiegħu talab lil dina l-Onorabbli Qorti jgħoġbha tagħti provvediment *interim* fis-sens illi l-ħatra ta' l-Avukat Martin Bajada imsemmija fir-rikors promotur tiġi sospiża b'effett immedjat u huwa ma jagħmel l-ebda attijiet oħra bħala espert tekniku inkluż billi jagħti x-xhieda tiegħu fl-atti tal-kumpilazzjoni bħalissa pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) v. George Degiorgio et";

Illi permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Marzu, 2018 fl-atti tar-rikors għal ħruġ ta' *interim measure* bin-numru: 29/2018/1/SM fl-ismijiet: "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Ġenerali et" dina l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba ta' l-esponenti provviżorjament;

Illi minħabba dan id-digriet, fl-atti tal-kumpilazzjoni hawn fuq imsemmija il-prosekuzzjoni ma ipproduċietx bħala xhud lill-Avukat Martin Bajada;

Illi mbagħad permezz ta' sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Jannar, 2019 dina l-Onorabbli Qorti iddeċidiet it-talba ta' l-esponenti għal ħruġ ta' *interim measure* bil-mod illi ġej: *14.1. Tirrespinġi t-talbiet tar-rikorrenti; 14.2. Takkolji r-risposti tal-intimat flimkien ma' dawk tal-intervenuti fil-kawża; 14.3. Tirrevoka għalhekk contrario imperio d-digriet proviżorju tagħha datat it-23 ta' Marzu, 2018; 14.4. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti*;

Illi l-esponenti ippreżenta rikors ta' l-appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali minn tali sentenza u l-appell relattiv jinstab differit għat-trattazjoni għall-udjenza ta' nhar it-8 ta' April, 2019;

Illi waqt l-udjenza ta' nhar il-15 ta' Frar, 2019 quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja, il-prosekuzzjoni inġunġiet lill-Avukat Martin Bajada bħala xhud u l-esponenti, tramite d-difensur tiegħu, oġġezzjona għall-produzzjoni tiegħu bħala xhud u dana proprju minħabba l-proċeduri pendenti li hemm quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u għaliex ladarba s-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Jannar, 2019 kienet ġiet appellata, l-ordni mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Marzu, 2018 kienet għadha *in vigore* u illi għalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ma setetx tisma' tali xhud;

Illi b'digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Frar, 2019 l-oġġezzjoni imqajma mill-esponenti ġiet miċħuda għar-raġunijiet illi, skond dik il-Qorti, il-funzjoni Tagħha f'dawk il-proċeduri hija strettament fuq ġbir ta' provi u bl-ebda mod ma Hija ser tiddetermina xi ħtija jew tagħti xi piena u għaliex il-proċedura ta' *interim order* minn dejjem ġiet ritenuta bħala proċedura eċċezzjonali sabiex jiġi evitat dannu irreparabbli;

Illi l-ġbir tal-provi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja huwa dettat minn dak illi jgħid l-intimat u dik il-Qorti jidher illi għandha idejja marbutin minn dak illi jiddettalha l-imsemmi intimat kollox kif ser jirriżulta ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

Illi hija għaldaqstant il-fehma ta' l-esponenti illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali li tagħti smiegħ xieraq kif għandha tkun qorti jew awtorità ġudikanti kif garantit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta billi ma għandhex diskrezzjoni jew diskrezzjoni biżżejjed illi tirregola l-ġbir tal-provi Hija iżda jiddeċiedi l-intimat li huwa l-parti avversarja ta' l-esponenti u għalhekk il-proċeduri bħalissa pendenti fil-konfront ta' l-esponenti huma leżivi tal-jeddijiet fundamentali tiegħu ta' smiegħ xieraq;

Illi inoltre d-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Frar, 2019 huwa leżiv tal-jedd ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq billi dik il-Qorti esprimiet ruħha dwar l-għoti ta' *interim measure* meta ċertament ma hijiex il-mansjoni tagħha illi tesprimi ruħha fuq tali proċeduri u semmai messha tat każ l-atti proċesswali eżebiti quddiemha mill-esponenti mhux sempliċement injorathom bl-iskuża illi hija ma ġietx notifikata bl-ebda ordni;

Illi inoltre d-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Frar, 2019 huwa leżiv tal-jedd fundamentali ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u x'aktarx ser jiġi jew ser ikompli jiġi leż il-jedd fundamentali ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq billi jekk kemm-il darba l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ser tipproċedi sabiex tisma' lix-xhieda ta' l-Avukat Martin Bajada hija ser tkun qegħda tippreġudika l-jeddijiet ta' l-esponenti illi l-appell ippreżentat minnu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u hawn fuq imsemmi fl-atti tar-rikors bin-numru: 29/2018/1/SM fl-ismijiet: "Alfred Degiorgio v. L-Avukat Ġenerali et" ser jiġi ippreġudikat u dana billi appena l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja tgħaddi sabiex tisma' lill-imsemmi xhud, il-mertu ta' l-appell pendenti ser ikun ġie eżawrit;

Illi dina mhijiex l-ewwel darba illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja imxiet b'tali mod preġudizzjevoli ma' l-esponenti billi iċċaħdu mill-jeddijiet tiegħu ta' appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u dana huwa l-mertu ta' kawża pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-istess ismijiet u bin-numru: 71/2018/MCH;

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jgħoġobha:

(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-fatti suesposti jagħtu lok għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) tiddikjara u tiddeċiedi b'mod partikolari iżda mhux limitatament illi l-fatt illi l-ġbir tal-provi mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja huwa dettat minn dak illi jgħid l-intimat u dik il-Qorti jidher illi għandha idejja marbutin minn dak illi jiddettalha l-imsemmi intimat u ma għandhiex diskrezzjoni fir-rigward kif hawn fuq premess jikser id-dritt fundamentali ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) tiddikjara u tiddeċiedi ulterjorment b'mod partikolari iżda mhux limitatament illi d-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja nhar it-22 ta' Frar, 2019 x'aktarx jikser, jikser u x'aktarx ser ikompli jikser id-dritt fundamentali ta' l-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-

Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għar-raġunijiet spjegati f'dan ir-rikors u illi ser jirriżultaw ampjament matul it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;

(iv) konsegwentament tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat."

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar 2019;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Frar 2019;

Rat ir-risposta tal-avukat Generali tat-28 ta' Frar 2019 li permezz taghha wiegeb bil-mod segwenti:-

"Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija mibnija fuq allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq u dan stante li skont ir-rikorrenti l-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja qieghdha timminalu d-dritt ghal smigh xieraq. L-allegazzjoni tar-rikorrenti tinstab mibnija fuq tlett binarji u cioe illi "*l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja mhijiex qorti indipendenti u imparzjali li taghti smiegh xieraq kif ghandha tkun qorti jew awtorita' gudikanti kif garantit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi ma ghandhiex diskrezzjoni jew diskrezzjoni bizzejjed illi tirregola l-gbir tal-provi Hija izda jiddeciedi l-intimat li huwa l-parti avversarja ta' l-esponenti u ghalhekk il-proceduri bhalissa pendenti fil-konfront ta' l-esponenti huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tieghu*"; illi d-Digriet tat-22 ta' Frar 2019 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja huwa leziv peress li skont ir-rikorrenti dik il-Qorti esprimiet ruhha dwar l-ghoti ta' mizuri provvizorji; u li bis-smiegh ta' Martin Bajada ser jigu pregudikati l-jeddijiet tar-rikorrenti tal-appell ipprezentat mir-rikorrenti fl-ismijiet "Alfred Degiorgio vs l-Avukat Generali et" (rikors numru 29/2018/1) wara c-cahda tal-mizura provvizorja li kien talab ir-rikorrenti.

Illi l-esponenti jissottometti li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi *in linea* preliminari, l-esponenti jecipixxi li ghal dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigh xieraq, il-Qrati taghna kif ukoll dik ta' Strasburgu dejjem

irritenew illi sabiex japplikaw l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja rispettivament jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex jiddeterminaw jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smiegh xieraq, iridu jqisu l-process kollu kemm hu fl-assjem tieghu. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax u mghandhiex tiffoka fuq bicca wahda mill-process shih gudizzjarju biex minnu jekk issib xi nuqqas tasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd ghas-smigh xieraq (ara **Adrian Busietta vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2006 u **Dimech v. Malta** deciza mill-Qorti Ewropeja fit-2 ta' April 2015). In vista ta' dan it-taghlim, l-esponenti jirrileva li t-talba fir-rikors promotur hija wahda intempestiva u premature tenut kont li l-proceduri li jiffurmaw mertu tal-lanjanza tar-rikorrenti ghadhom mhumiex konkluzi u ghalhekk ghandha tigi dikjarata bhala intempestiva minn dina l-Onorabbli Qorti;

2. Illi *in linea* preliminari wkoll, gialadarba r-rikorrenti qieghed jilmenta minn proceduri kriminali li jikkoncernaw ukoll terzi persuni, fil-fehma tal-esponenti ikun idoneju li r-rikors promotur jkun notifikat fuq it-terzi persuni ghall-interess li jista jkollhom;

3. Illi *in linea* preliminari wkoll, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (5) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan stante li r-rikorrenti qieghed bil-procedura odjerna jittenta jappella mid-Digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja. Illi r-rikorrenti fetah numru konsiderevoli ta' kawzi kostituzzjonali b'allegazzjoni ta' lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq naxxenti mill-istess kumpilazzjoni u dan ghall-ghan ahhari sabiex jimpedixxi lil Martin Bajada milli jixhed fil-proceduri tal-kumpilazzjoni b'liema pluralita' ta' kawzi l-istess rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali billi jinonda lill-Qrati b'kawzi li meta tasarhom issib li l-ilment huwa semplicement frivolu u vessatorju u ma jikkostitwixxi xejn hlief abbuz tal-procedura kostituzzjonali;

4. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jibda biex jissottometti li l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragonevoli u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jmur oltre meta jipprovdi li s-smigh ghandu jkun pubbliku u jista' jsir quddiem tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf bil-ligi. L-epsonenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-process tal-istruttorja li b'xi mod seta' jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust;

L-esponenti jissottometti li l-procedura kriminali li qed jigu attakkati mir-rikorrenti mhumiex imtappna bl-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottometti li (a) il-proceduri kollha qed

jinzammu u qed jigu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti ghandu access ghall-qorti; (c) is-smigh kollu kien kondott fil-presenza tieghu; (d) l-partijiet kollha gew trattati b'mod ugwali minghajr ma kien hemm l-ebda vantagg procedurali minn xi persuna fuq ohra; (e) ir-rikorrenti qieghed jinghata l-opportunita' kollha li jiddefendi l-kaz tieghu minghajr xkiel; (f) ir-rikorrenti jinstab meghjun minn avukat ta' fiducja tul il-proceduri; u (g) ir-rikorrenti qieghed jinghata z-zmien u l-facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tal-kaz tieghu.

5. Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita' tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja, l-esponenti jirribatti li l-kuncett ta' imparzjalita' suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' parti f'kawza: certament li tali opinjoni mhijiex deciziva izda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalita' tkun gustifikata b'mod oggettiv. Dan ifisser li huwa necessarju li jkun hemm dubju legittimu dwar l-imparzjalita' suggettiva u/jew oggettiva ta' gudikant naxxenti minn fatti u dan peress li l-gudikant huwa dejjem prezunt li huwa imparzjali.

Illi dak li qed jigi allegat fir-rikors promotur mhuwiex dirett in konfront tal-Magistrat personalment u cioe' li l-Magistrat li qieghdha tisma' l-kumpilazzjoni hija b'xi mod karenti mit-test suggettiv u/jew oggettiv izda dak li qed jallega r-rikorrenti hija li la l-Prosekuzzjoni tipproduci x-xhieda quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja allura skont ir-rikorrenti dan iwassal ghall-lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq. L-esponenti jirrileva li dan il-fatt fih innifsu bl-ebda mod ma jista' jigi nterpretat li b'xi mod ghandu jwassal ghall-nuqqas ta' imparzjalita' jew indipendenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja. Illi jekk wiehed jara x'inhija l-funzjoni tal-Qorti Istruttorja wiehed isib li dina l-Qorti ghandha l-kompitu li tigbor il-provi izda fl-ebda stadju ma tiddeciedi l-htija o meno tal-imputat. Illi aktar minn hekk kull xhud li jingieb quddiem il-Qorti Istruttorja jista' jigi kontro-ezaminat mill-imputat liema kontro ezami jservi bhala kontroll da parti ta' l-istess imputat.

Illi jsegwi li dina l-lanjanza ghandha tigi michuda.

6. Illi in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega li fid-Digriet tat-22 ta' Frar 2019, il-Qorti Istruttorja esprimiet ruhha dwar il-kwizjoni ta' mizura provvizorja, l-esponenti jibda biex li r-rikorrenti ma jistax jinqeda bi proceduri kostituzzjonali u konvenzjonali ghas-semplici raguni, li skont hu, il-Magistrat zbaljat fid-digriet taghha. Huwa maghruf kemm fid-duttrina kif ukoll fil-gurisprudenza li mhijiex il-funzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li ssewwi 'zbalji' tal-qrati ordinarji. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti hija limitata biss biex tinvestiga u tiddetermina jekk kienx hemm jew le vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali izda certament li ma tistax tistharreg jekk il-qrati ordinarji iddecidewx b'mod tajjeb u korrett kwistjoni li

tingieb quddiemhom. Illi minn qari tar-rikors promotur jinzel bic-car li r-rikorrenti qieghed jistieden lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tidhol fil-mertu tad-Digriet decizi mill-Magistrat u dan stante li skont ir-rikorrenti inghatat decizjoni li ma setghetx tinghata mill-Magistrat. Fil-fehma tal-esponenti, tali kontestazzjoni tohrog il barra mill-iskrutinju li jahsbu ghalih kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni.

Illi l-qrati moghnija b'setgha kostituzzjonali u konvenzjonali ma ghandhomx jigu mibdula f'qrati tat-tielet jew raba' istanza izda dawn il-qrati huma moghtija s-setgha li, f'kaz ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna ghal smigh xieraq quddiem qorti indipendenti u imparzjali, tistharreg l-imgieba ta' kull Qorti ohra, imqar jekk tkun wahda gerarkikament oghla minnha. Izda dina s-setgha wiesgha hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma ghandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigh xieraq jikkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom (ara **Domenico Savio Spiteri vs Avukat Generali et** deciza fit-2 ta' Ottubru 2001). Hija setgha limitata sabiex tqis jekk il-procediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq kienx tassew wiehed imparzjali u 'skont il-ligi' (ara **Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001). Illi ghalhekk, proceduri maghmula abbazi ta' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali mhijiex mahsuba biex isservi ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi jew digrieti interlokutorji li jkunu ghaddew in gudikat jew li jkunu enforzabbli. Proprju f'dan il-kaz, ir-rikorrenti qieghed ilibbes parti mill-ilment tieghu bhala vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu meta dan ha huwa xejn hlief appell mill-apprezzament milhuq mill-Magistrat sabiex inghata d-Digriet interlokutorju tat-22 ta' Frar 2019.

Isewgi ghalhekk li ilment bhal dan ma jistax jigi mistharreg mill-lenti ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali u ghalhekk ghandu jigi mwarrab.

7. Illi in kwantu r-rikorrenti qieghed jallega li bis-smigh ta' Martin Bajada mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja huwa ser jigi pregudikat fl-appell li ntavola fl-atti tar-rikors fl-ismijiet 'Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali et" (Rikors Kostituzzjonali numru 29/2018/1SM), l-esponenti jissottometti li r-rikorrenti intavola talba fl-atti tar-rikors numru 29/2018/1SM quddiem il-Qorti Kostituzzjonali sabiex dik il-Qorti tohrog l-ordnijiet taghha ghall-ghan ahhari li Martin Bajada ma jixhidx fis-seduta tal-kumpilazzjoni tal-1 ta' Marzu 2019. Illi permezz tad-Digriet taghha tas-27 ta' Frar 2019, il-Qorti Kostituzzjonali osservat illi "*Peress li anke jekk is-smigh tax-xhud imsemmi fir-rikors ikun deciz li jkun ta' pregudizzju ghar-rikorrenti, dan l-eventwali pregudizzju jkun jista' jigi rimedjat; U peress li l-funzjoni tal-Qorti tal-Magistrat fil-fazi Istruttorja huwa li tigbor il-provi u mhux tiddeciedi l-htija o meno tal-akkuzat; Tichad it-talba"* (kopja informali tad-Digriet annessa u mmarkata bhala 'Dok. AG 1'). Illi fil-fehma tal-esponenti, il-Qorti Kostituzzjonali

ghamlitha cara li bis-smigh tax-xhud bl-ebda mod ma huwa ser jigi pregudikat ir-rikorrenti.

Illi maghdud ma' dan l-esponenti jissottometti wkoll li l-gurisprudenza kemm nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropeja dejjem tghallem li jista' jkun hemm limitazzjonijiet imposti ghal dak li jirrigwarda l-intavolar ta' appelli u li tali limitazzjonijiet bl-ebda mod ma jivvjolaw il-jedd ghal smigh xieraq.

Illi d-dritt ta' access ghall-qorti fih innifsu mhux dritt assolut izda huwa suggett ghall-limitazzjonijiet. Illi l-punt kardinali relatat mal-kaz odjern jibqa' li dan id-dritt ta' access jista' jkun limitat u dan kien stabbilit mill-inqas sa mill-1994 fil-kaz **Fayed v. UK**. Il-Qorti Ewropeja stabbiliet ukol f'diversi kazijiet illi anke meta individwi jkunu prekluzi milli jadixxu lill-qorti ghal ragunijiet differenti, dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qorti.

Illi l-Qorti Ewropea sabet ukoll li huwa permess u ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ta' access ghall-qrati, il-fatt li jkun hemm zmien perentorju ragjonevoli li jwaqqaf proceduri jew li jillimita l-bidu taghhom (**X v. Sweden**, 1982). Ukoll, regoli tal-procedura li minhabba fihom proceduri jieqfu bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' depozitu ghall-ispejjez jew bhal fil-kaz ta' l-imposizzjoni ta' multi minhabba appelli vessatorji, dawn ma jiksrux id-dritt ta' access ghall-qorti (**P v. France,** 1987 u **Deweer v. Belgium**, 1980).

Illi jsegwi li dina l-lanjanza ghandha tigi michuda.

8. Illi ghaldaqstant, it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-rikors tal-Avukat Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia li permezz tieghu talbu illi jintervjenu fil-proceduri tar-rikors odjern;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Frar 2019 li bih ammettiet lill-Avukat Peter Caruana Galizia u lil Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia jintervjenu f'dawn il-proceduri ta' dan ir-rikors;

Rat ir-risposta tal-intervenuti imsemmija presentata fit-28 ta' Frar, 2019 li permezz taghha wiegeb bil-mod segwenti:-

"1. Illi kontestwalment ma' din ir-risposta, l-esponenti intavolaw rikors sabiex jigu ammessi f'din il-kawza bhala intervenuti *in statu et terminis*. Ghalhekk, ghall-ispeditezza tal-gudizzju, f'kaz illi l-Qorti tilqa' t-talba tal-esponenti[1], din hija risposta tal-esponenti ghar-rikors tar-rikorrent tas-26 ta' Frar 2019, liema rikors, ghalkemm ordnat sabiex jigi notifikat lill-esponenti permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Frar 2019, baqa' ma giex hekk notifikat.

2. Illi l-esponenti jissottomettu li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

3. Illi din id-darba, ir-rikorrent qieghed jilmenta li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja mhijiex indipendenti u imparzjali, li l-istess qorti espremiet ruhha dwar l-ghoti ta' interim measure barra l-mansjoni taghha u li jekk ix-xhieda ta' Martin Bajjada tinstema' hekk kif ordnat minn din il-Qorti diversament preseduta fil-provvediment taghha tas-7 ta' Jannar 2019, l-appell tieghu mill-istess provvediment ikun pregudikat. B'hekk talab dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

4. Illi preliminarjament, ma jistghax ma jinghadx illi dan ir-rikors ma huwa xejn hlief *forum shopping* min-naha tar-rikorrent billi qieghed jipprova jakkwista minn din il-Qorti dak li ma akkwistax mill-istess Qorti diversament preseduta.

5. Illi l-ewwel allegazzjoni tar-rikorrent hija li "*il-gbir tal-provi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja huwa dettat minn dak illi jghid l-intimat [l-Avukat Generali] u dik il-Qorti jidher illi ghandha idejha marbutin minn dak li jiddettalha l-imsemmi intimat*". B'kull rispett, din l-allegazzjoni hija kompletament infondata. Jibda sabiex jinghad illi fl-istadju ta' kumpilazzjoni, l-obligazzjoni fuq il-Qorti Istruttorja hija li tigbor kull possibbilita' ta' prova li jista' jkun hemm fil-kaz in ezami sia jekk hux favur l-imputat, u sia jekk hux favur il-prosekuzzjoni. F'dan l-ezercizzju, il-Qorti ma tistghax taghzel liema provi tigbor u liema le, u Alla hares kien hekk! Li kieku kien hekk, ir-rikorrent kien ikollu ragun jghid illi l-Qorti m'hijiex indipendenti. Pero, f'dan il-kaz, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja qeghda biss issegwi l-obbligi taghha taht il-ligi.

[1] F'kaz illi t-talba ma tigix milqugha, din ir-risposta, tista' ovvjament, tigi sfilzata.

6. Illi jidher illi r-rikorrent qieghed ihawwad dan l-istadju mal-istadju li jmiss, u cioe l-istadju tal-eccezzjonijiet tal-imputati, fejn l-imputati jkollhom ic-cans li jarblu l-prova kollha li ngabret matul il-kumpilazzjoni u joggezzjonaw fuq l-ammissibbilta` taghha, u dan ghar-ragunijiet li jidrilhom li huma legittimi. Tkun imbaghad, il-Qorti Kriminali, li tiddeciedi fuq l-ammissibbilta` o meno tal-provi impunjati, u huwa f'dak l-istadju li kellu jitqajjem l-ilment tar-rikorrent dwar ix-xhieda tal-espert Martin Bajada. Imma l-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex il-mansjoni li tiddeciedi dan hija stess u ma tistghax tuzurpa dan il-poter mill-Qorti Kriminali.

7. Illi b'daqshekk ma jfissirx illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja m'hijiex indipendenti jew imparzjali, jew li ghandha idejha marbutin b'dak li jiddettalha l-Avukat Generali. Din hija interpretazzjoni mbazwra tal-obbligi u d-dmirjiet impost fuq Qorti tal- Magistrati bhala Qorti Istruttorja, u li l-anqas ma ghandha titqies minn din il-Qorti.

8. Illi in oltre jigi sottomess illi kull darba li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja f'dan il-kaz, kellha tuza xi tip ta' diskrezzjoni, dan dejjem ghamlitu wara li debitament semghet lill-partijiet u dejjem ibbazat ruhha fuq il-ligi, kazistika u l-logika. Ma jistghax imma r-rikorrent jigi jilmenta b'dawk id-drabi li forsi ma marrux favurih li dawn ma ttiehdux bl-indipendenza u imparzjalita` mistennija mill-Qorti. Dan huwa disservizz u disrispett lejn il-Qorti tal-Magistrati, li l-indipendenza u imparzjalita` taghha huma prezunti sakemm ma jigix ppruvat il-kuntrarju. Jerga' jinghad illi l-unika *"prova"* li ghandu r-rikorrent tal-allegat nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita` huma decizjonijiet li ma marrux favurih. Dawn ma juru ebda dipendenza jew parzjalita` u certament ma jistghux jitqiesu bhala prova ta' tali.

9. Illi ghalhekk dan l-ilment huwa kompletament falz, infondat u vessatorju u ghandu jigi respint.

10. Illi r-rikorrent jilmenta wkoll illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja espremiet ruhha fuq *interim measure* u dan barra l-mansjoni taghha. Jinghad illi fil-verita`, il-Qorti tal-Magistrati ma ghamlet xejn minn dan. Il-Qorti kellha quddiema talba sabiex hija ma tismghax lill-espert mahtur mil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Inkjesta, abbazi tal-allegazzjoni li kien hemm digriet in vigore tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha fejn kienet laqghet it-talba ghall-hrug ta' *interim measure* provvizorjament (**u dan ghalkemm tali digriet gie revokat contrario imperio b'digriet iehor tas-7 ta' Jannar 2019**.) B'hekk wara li l-Qorti tal-Magistrati qieset l-obbligi taghha taht il-ligi, u l-funzjoni taghha li tigbor il-provi kemm favur l-imputati u kemm kontra l-istess u dan fi zmien ragjonevoli, rrinfurzat id-decizjoni taghha bil-fatt, derivanti mill-kazistika cittata, illi *interim measures* jinghataw biss f'kazi estremi. Ma marrietx, pero, oltre minn hekk. Ma esprimietx ruhha fuq jekk dan il-kaz jikkwalifika bhala kaz estrem. Ma qallitx anqas illi l-*interim measure* m'ghandux jinhareg a favur ir-

rikorrent, sempliciment imxiet b'dak li ghandha quddiemha. Bhalissa ma hemm ebda ordni ta' ebda Qorti li twaqqafha milli tezercita d-dmirjijiet taghha taht il-Kodici Kriminali u ghalhekk, il-Qorti tal-Magistrati hasset, gustament, illi ghandha d-dmir tigbor il-provi kollha li jistghu jkunu favur jew kontra l-imputati.

10. Illi ghalhekk dan l-ilment ukoll ghandu jigi respint minn din l-Onorabbli Qorti.

11. Illi l-ahhar ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi bid-digriet taghha tat-22 ta' Frar 2019 l-appell tar-rikorrent mill-provvediment moghti minn din il-Qorti diversament preseduta tas-7 ta' Jannar 2019, ser ikun pregudikat billi l-mertu tieghu ser ikun ezawrit. L-esponenti jissottomettu li l-Qorti tal-Magistrati ma tistghax tinjora l-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha daqslikieku tali provvediment ma nghatax, jew daqslikieku ir-rikorrent nghata ragun fil-prim'istanza. Jinghad ad ezempju illi meta nghatat l-*interim measure* fil-kaz ta' **Angelo Frank Paul Spiteri vs l-Avukat Generali, Rikors numru 23/2016/1,** fil-21 ta' Gunju 2016, liema *interim measure* kienet ordnat l-iskarcerazzjoni tas-Sur Spiteri, dakinhar stess tal-provvediment, is-Sur Spiteri hareg mill-habs, u dan nonstante li l-Avukat Generali kien intavola appell mill-istess provvediment; u ma kien hemm ebda oggezzjoni min-naha tal-Avukat Generali ghal dan. Dan huwa ghaliex provvedimenti fuq *interim measures* huma, min-natura taghhom, enforzabbli immedjatament, sia jekk hux favur ir-rikorrent, jew bhal f'dan il-kaz, kontra; u dan skont l-Artikolu 267 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

12. Illi in oltre jinghad illi l-provvediment moghti mill-Prim'Awla fis-7 ta' Jannar 2019 qatt ma seta' gie appellat u dan stante li fl-istess provvediment akkolja l-eccezzjonijiet kollha tal-esponenti inkluz dik li tablet dikjarazzjoni tat-talba bhala wahda frivola u vessatorja. F'dan ir-rigward jinghad illi skont is-sub-artikolu (5) tal-Artikolu 4 tal-Kap 319, rifless ukoll fil-Kostituzzjoni ta' Malta bhala s-sub-artikolu (5) tal-Arikolu 46, "[m]a jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja." Ghaldaqstant, skont il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 stess, ma seta' kien hemm ebda appell minn din id-decizjoni u jekk ir-rikorrent intavola appell, dak kien zball tieghu, li xorta wahda ma kellux jinstema' fil-mertu ghaliex kien impropponibbli. Ghalhekk ma jista' jkun hem ebda pregudizzju ghall-ebda appell, ghaliex l-appell innifsu ma kienx propponibbli *ab initio.*

13. Illi ghalhekk dan l-ilment ukoll ghandu jigi respint.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottomettu li t-talbiet kollha tar-rikorrent huma frivoli u vessatorji u ghandhom jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors fis-seduta tal-lum stess;

Rat li ir-rikors thalla ghas-Sentenza ghal-lum stess;

**Punti legali**

Bhala punti ta' fatti li wasslu ghal dawn il-proceduri f'sens generali jinsabu rakkontati fir-rikors promotur u a skanza ta' repetizzjoni mhux ser tidhol fir-rakkont taghhom. Dawn huma maghrufin ghall-partijiet kollha.

Fis-smiegh quddiem il-Qorti tal-lum stess, ir-rikorrent hass li kellu jillimita l-aggravji tieghu bis-segwenti verbal:-

> "In vista tal-oggezzjoni li qed iqajjem l-Avukat Generali fuq kif sar l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent fir-rigward tal-Qorti Istruttorja u l-mod kif tahdem, ir-rikorrent Alfred Degiorgio ma ghandux ghazla hlief li jirtira l-ilment kostituzzjonali tieghu f'dan ir-rigward u fir-rigward ta' paragrafu numru tmienja tat-tieni pagna tar-rikors tieghu u jhallih ferm shih u mpregudikat biss ghal dik il-parti tar-rikors fejn huwa qieghed jghid u jsostni illi ser jigi lez jew x'aktarx ser jigi lez il-jedd ta' smiegh xieraq tieghu jekk il-Qorti Istruttorja tisma' x-xhieda tal-Avukat Martin Bajada waqt illi ghad hemm il-proceduri 29/18/1/SM pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fost affarijiet ohra ghaliex ir-rikorrenti jsostni illi d-digriet provvizorju ghadu in vigore u ghaliex ser jigi deprivat mill-jedd tad-doppio esame."

Ghalhekk kwantu ghall-aggravji l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti jirrigwardaw biss dak l-aggravju kontenut fl-ewwwel paragrafu f'pagna 3 tar-rikors odjern (a` fol 3).

Il-punt li jrid jigi deciz huwa wiehed: jekk bid-digriet tat-22 ta’ Frar, 2019 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-ismijiet “Il-Pulizija -vs- George Degiorgio et” (aktar ‘l quddiem Il-Qorti tal-Magistrati) jilledix id-dritt fundamentali tar-Rikorrent kif imharsa b’artiklu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni (Kap 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) rispettivament.

**Konsiderazzjonijiet**

Abbazi tal-verbal li sar illum stess , din il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-proceduri tal-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet “Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali et”, Rikors Numru 28/2018/1/SM. F’dan l-appell ir-Rikorrent qieghed jitlob li dik il-Qorti tilqa’ t-talbiet tieghu, fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa’ t-talba tieghu u taghti *interim measure*. Issa bir-rikors odjern ir-rikorrent qieghed jitlob li jekk il-Qorti tal-Magistrati tipprocedi skont id-digriet tat-22 ta’ Frar, 2019 kif fuq spjegat il-“mertu tal-appell pendenti ser ikun ezawrit.” Din hija il-qalba ta’ dan ir-rikors.

Ai finii tal-vertenza li ghandha quddiemha, din il-Qorti taghmel differenza bejn zewg xorta ta’ digrieti. Dawk li galadarba jinghataw ma hemmx retromarcia u allura l-effetti taghhom ikunu rriversibbli, anke jekk jirrizulta li ma kienux digrieti skont il-ligi. Imbaghad hemm digrieti ohrajn li l-effetti taghhom huma riversibbli . Huma biss tal-ewwel xorta li jistghu jippregudikaw il-pretensjoni sostanzjali ta’ dak li jkun ghaliex il-konsegwenzi

ma jkunux jistghu jittreggghu lura. Ir-rikorrent, bl-argumenti tieghu qieghed jinsisti li jekk l-imsemmi Martin Bajjada jithalla jixhed, b'konsegwenza tad-digriet tat-22 ta' Frar 2019, l-effetti fuq l-appell li hemm pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ser ikunu rriversibbli, ghaliex bis-sahha t'hekk il-mertu ser ikun ezawrit. Il-Qorti qeghdha appositament tuza l-istess kliem utilizzat mir-Rikorrent fl-aggravju fuq imsemmi. Il-Qorti fehmet ukoll, li bhala konsegwenza r-Rikorrent ser ikun qieghed jitlef il-beneficcju tad-"doppio esame" ghaliex l-appell ser jibqa' haj fit-tejorija biss.

Il-Qorti hija tal-fehma, li d-digriet fuq imsemmi ma hux ser igib mieghu effetti irreversibbli fis-sens ghaliex il-mertu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali mhux ser ikun pregudikat sal-punt, li l-Qorti Kostituzzjonali ser thossha li ghandha idejha marbutin u ma jkollha ebda triq ohra ghajr dik li tichadlu appell. Dik il-Qorti xorta ser ikollha s-setgha li tifli l-lanjanzi tal-appellant f'dak il-kaz, indipendentement mill-fatt jekk il-Qorti tal-Magistrati thallix jew le lill-imsemmi Martin Bajjada jixhed.

Di fatti dan huwa konfortat minn zvillupp li sehh fil-mori ta' dawn il-proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Zvillupp li ser inevitabbilment jincidi fuq l-esitu ta' din il-kawza. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-fatt li fl-istess gurnata li gew presentati l-proceduri odjerni, gew presentati ohrajn fl-atti tal-Appell Kostituzzjonali li, fejn ir-Rikorrent qieghed jitlob rimedju, ghalkemm mhux simili ghal dawk li ghandha quddiemha din il-Qorti, xorta pero` biex

jilhaq l-istess tragward u oggettiv u cioe` dak li ma jixhidtx l-espert Dr. Martin Bajjada quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

F'dan l-istadju jrid jinghad, li minimu li seta' ghamel ir-rikorrent kien li jgharraf lil din il-Qorti bil-proceduri institwiti kontemporanjament fl-ahjar interess tal-partijiet u ghal ragunijiet li huma ovvji. Izda tajjeb jew hazin dawk il-proceduri saru u inghata digriet fis-27 ta' Frar 2019 mill-Qorti Kostituzzjonali fejn fost ohrajn esprimiet li l-pregudizzju li kien qieghed jilmenta minnu "jista' jigi rimedjat". Dan jindika l-irriversibilta` tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati li qieghed jilmenta minnu r-Rikorrent. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali, xorta ser tkun qed tikkunsidra l-ilment minkejja d-digriet imsemmi u jekk issib li l-ilment huwa fondat, imbaghad tassew ikun hemm effetti izda mhux ghad-detriment tar-rikorrent, minghajr ma hemm bzonn li din il-Qorti tidhol fl-ispecifiku u tamplifika dwar l-effetti ta' decizjoni bhal din fuq il-proceduri kriminali inkwantu jirrigwarda lill-prosekuzzjoni.

Fil-fatt ghamel sewwa ir-Rikorrent, li ppresenta r-rikors tieghu tas-26 ta' Frar,2019 quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, ghaliex sakemm ghadu pendenti dak l-Appell, huwa f'dak is-sede li jrid ifittex ir-rimedju kwantu jirrigwarda l-ilment tieghu dwar id-digriet inkwistjoni. Fil-fatt kieku intlaqghet it-tielet talba f'dak ir-rikors, il-mertu dawn il-proceduri kienu jkunu f'kull sens ezawriti fl-intier taghhom. Izda ma jfissirx li ghaliex ma ottjeniex dak li ried minn dik il-Qorti ma ghadx fadallu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju effettiv quddiem

dik il-Qorti. Fil-fatt meta r-Rikorrent ghazel li jerga' jmur quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minhabba d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati inkwistjoni, huwa stess qieghed jaghraf li ghad ghandu quddiemu rimedju skont il-ligi. Issa jekk dak li provdiet ghalih dik il-Qorti kienx wiehed li ma intghogobx minnu hija kwistjoni ohra.

Il-proviso 46(2) jiddisponi li l-Qorti, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra. Il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi proviso konsimili f'artiklu 4(2).

Fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti dan ir-rimedju ordinarju mhux biss huwa disponibbli, izda huwa attwali, bl-istess Qorti Kostituzzjonali qed tiggarantixxi li jekk jigri dak li qieghed jilmenta r-Rikorrent ikun jista' jigi rimedjat minnha. Fi ftit kliem il-potenzjal tar-rimedju effettiv ghadu jesisti fl-istess proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-**Sentenza moghtija minnha fis-16 ta' Jannar 2006 fil-kawza Olena Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs**. Biex l-ewwel Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha irid ikun hemm rimedju li toffri l-ligi li jkun wiehed prattiku, accessibbli, effettiv, adegwat u li jindirizza l-ilment tal-persuna lanjanti. Dan ir-rimedju ghadu esistenti fil-proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Jekk irid li jigu

spediti il-proceduri, ir-Rikorrent ghandu rimedji ohrajn disponibbli ghalih, bhal per ezempju, jitlob l-urgenza tas-smiegh quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn ghad hemm pendenti l-proceduri fuq imsemmija.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti, fid-dawl tar-ragunijiet migjuba hawn fuq, qeghdha ai termini tal-proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeklina milli tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha fid-dawl li r-rikorrent ghad ghandu rimedji ohra li huma xierqa u adegwati skont il-ligi u ghalhekk qed tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern.

Spejjes ta' dawn il-proceduri a karigu tar-rikorrent salv ghal dawk tal-intervenuti fil-proceduri.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**